MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 1217/2000/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Walter Zammit**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u erbgha u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm574.88) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz ta' telefon bin-numru 345825 liema servizz gie stallat fil-fond fuq imsemmi u dana skond skond ma kif jidher mill-prospett Dok A anness mal-avviz.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficajli datata 7 ta' Dicembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokument a fol 2 tal-atti u mmarkat Dok A.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-12 ta' Mejju 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm574.88,0 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta' Dicembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta' Dicembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------